

5. Il-ħames motiv ibbażat fuq il-fatt li billi adotta att li jmur lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħaq l-għan imfittex, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 2017/2232 jikser l-Artikolu 5(1) u (4) TUE.

- <sup>(1)</sup> Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2232 tal-4 ta' Diċembru 2017 li jerġa' jimponi dazju antidumping definittiv u jiġbor b'mod definittiv id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' ċertu żraben bil-parti ta' fuq tal-ġilda li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u mill-Vjetnam u li huma prodotti minn ċerti produttori esportaturi fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u fil-Vjetnam u li jimplementa s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża Magħquda C-659/13 u C-34/14 (ĠU 2017, L 319, p. 30).
- <sup>(2)</sup> Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1472/2006 tal-5 ta' Ottubru 2006 jimponi dazju anti-dumping definittiv u li jiġbor b'mod definittiv id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjoni ta' ċerti tipi ta' lbies għar-riġlejn bil-parti ta' fuq tal-ġilda li joriġinaw fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina u l-Vjetnam (ĠU 2006 L 352M, p. 485).
- <sup>(3)</sup> Regolament ta' Implimentazzjoni (KE) Nru 1294/2009 tal-Kunsill tat-22 ta' Diċembru 2009 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' ċertu xedd tas-saqajn bil-parti ta' fuq tal-ġilda li ġej mill-Vjetnam u li joriġina fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, kif estiż għal importazzjonijiet ta' ċertu tipi ta' xedd tas-saqajn bil-parti ta' fuq tal-ġilda kkunsinnati mill-Makaw SAR, sew jekk dikjarati li joriġinaw fil-Makaw SAR sew jekk le, wara reviżjoni tal-iskadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96 (ĠU 2009, L 352, p. 1).
- <sup>(4)</sup> Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea (ĠU 2016, L 176, p. 21).

**Rikors ippreżentat fil-5 ta' Marzu 2018 – Sona Nutrition vs EUIPO – Solgar Holdings (SOLGAR Since 1947 MultiPlus WHOLEFOOD CONCENTRATE MULTIVITAMIN FORMULA)**

**(Kawża T-152/18)**

(2018/C 152/62)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: Sona Nutrition Ltd (Dublin, l-Irlanda) (rappreżentanti: A. von Mühlendahl u H. Hartwig, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Solgar Holdings, Inc. (Ronkonkoma, New York, l-Istati Uniti)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

Applikant għat-trade mark kontenzjuża: il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: it-trade mark figurattiva tal-Unjoni, bil-kuluri aħdar, kannella ċar, beige, kannella skur u kannella li jxaqleb lejn kulur id-deheb, li tinkludi l-element verbali "SOLGAR Since 1947 MultiPlus WHOLEFOOD CONCENTRATE MULTIVITAMIN FORMULA" – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 13 781 273

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' oppożizzjoni

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-20 ta' Diċembru 2017 fil-Każ R 1322/2017-4

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-EUIPO, u lil Solgar Holdings, Inc. fil-każ li tagħmel intervent, għall-ispejjeż.

**Motivi invokati**

- Ksur tal-Artikolu 94(1) tar-Regolament 2017/1001;
- Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament 2017/1001.